MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 491/2013

**BANK OF VALLETTA** p.l.c. (C 2833)

vs

Neville **ŻAHRA** u Jacqueline Żahra Grima u Emanuel Mamo

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Mejju, 2013, li bih is-soċjeta attriċi, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fiż-żewġ kuntratti pubbliċi tas-6 ta' Frar, 2004 u 28 ta' Novembru, 2005, fl-atti tan-Nutar

Joseph Vassallo Aġius (esebiti bħala Dok "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament billi l-imħarrkin (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopra indikati; u/jew (i) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrkin li jipperikolaw jew jaffetwaw ħazin il-possibilita tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta attriċi; u (ii) tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u "*in solidum*" iħallsu lis-soċjeta attriċi s-somma ta' mija u disgħa u ħamsin elf u erbgħa u disgħin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmi (€159,094.47) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Account*" tat-tlieta imħarrkin mal-Bank of Valletta p.l.c. (dokti "C1" sa "C4" u "D1" sa "D13") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-28 ta' Marzu, 2013, sad-data tal-effettiv pagament. Talab wkoll l-ispejjez;

Rat li l-atti tar-Rikors kienu notifikati kif imiss lill-imħarrkin, li naqsu li jressqu Twegiba maħlufa fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi;

Rat in-nota mressqa mill-konvenuti fis-6 ta' Settembru, 2013 li biha ammettew it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi **tilqa' t-talbiet** tas-soċjeta attriċi kif dedotti fir-Rikors Maħluf, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-28 ta' Marzu, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------